Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Mejju 2024

Ħarġa Nru 40



Ħbieb il-Kappelli Maltin

PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: **hbiebkappellimaltin@gmail.com**
Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin

# EDITORJAL

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Rita Buhagiar

**Viċi-President**
Miriam Schembri

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Norbert Gingell

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Amministratur Facebook**
Owen Caruana

**Membru**
Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:
L-altar ewlieni tal-knisja tad-Dar ta' San Ġużepp

Ritratt: Owen Caruana

Għeżież Membri u Ħbieb,

L-attivitá li għamilna dan ix-xahar fil-lokalita ta' Ħaż-Żabbar kienet waħda pjaċevoli u interessanti għalkemm kif għidna x-xahar l-ieħor ġiet organizzata ta' malajr billi oriġinarjament kellna nżuru kappelli f'Ħal Għargħur imma minħabba xogħolijiet infrastrutturali fit-toroq ma stajniex nattendu.

Il-Kumitat jirringrazzja mill-qalb lis-sur Mario Micallef u s-sinjura tiegħu Maria li bl-inizzjattiva tagħhom irnexxilhom jagħmlu l-kuntatti neċessarji sabiex stajna nżuru l-istitut tas-Sorijiet Dumnikani, li laqawna għat-tè kafè u pastizzi, l-kappella ta' Dar San Ġużepp, il-Knisja tax-Xgħajra u l-Knisja ta' San Niklaw taż-Żonqor.

Għax-xahar ta' Mejju se jkollna l-attivita li kulħadd ikun qed jistenna: dik l-mawra għal Għawdex. Il-Kumitat qed jaħdem sabiex inżuru l-Knisja ta' Loretu f'Għajnsielem (l-parrocca l-qadima), Santa Lucija f'Kerċem, tal-Vizitazzjoni fl-Gharb kif ukoll dik ta' San Dimitri fl-istess lokalità.

Imma aktar dettalji ssibuhom bħal dejjem fiċ-ċirkolari li tinħareġ separatament ma' dan il-Fuljett.

F'dan il-Fuljett qed nippubblikaw ukoll l-istorja tal-Orotorju tal-Gandlora fl-Isla li għaddielna il-Kan. Rev Jonathan Farrugia. Dan ma kienx ġie ppubblikat fil-ħarġa t'April billi ma kienx waslilna sal-mument li kellna noħoġu l-Fuljett t'April.

**N. Gingell**
Għal Kumitat



Membri jisimgħu tagħrif dwar il-knisja ta' Dar San Ġużepp

# Il-Knisja ta' Dar San Ġużepp
# Ħaż-Żabbar




Il-faċċata ta' Dar San Gużepp

Patri Feliċjan Grech OP twieled fis-6 ta' Jannar 1873. Hekk kif ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1895 ta ħajtu għall-ħidma pastorali kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Wara l-Ewwel Gwerra ried jibni istitut fejn seta' jiġbor fih tfal mingħajr ġenituri u, għalkemm ma kinux żminijiet tajba, beda jitħabat biex jiġbor il-flus għal dan il-għan.

Bl-għajnuna ta' żewġ Żabbarin: Dun Salv Xiberras u l-Perit Ġużeppi Pace, akkwista l-art *f'Tal Bajjada*, Ħaż-Żabbar. Il-perit Ġ Pace għamel il-pjanti tal-istitut u tal-knisja mingħajr ħlas, filwaqt li l-bennej kien iż-Żabbari Wiġi Bonnici. L-ewwel ġebla tqiegħdet fit-2 ta' Lulju 1930 u tbierket minn Patri Feliċjan. Il-kumpless kien lest fis-7 ta' Novembru 1937 meta ġie mbierek u kien magħruf bħala *'Asilo San Giuseppe'.* Il-knisja wkoll ġiet iddedikata lil dan il-qaddis. It-tmexxija tal-istitut ġiet fdata f'idejn is-Sorijiet Dumnikani, imma hu baqa' jieħu kura tiegħu sal-1949.

Il-knisja għandha għamla tondali tagħlaq b'koppla b'lanterna. Fuq l-artal maġġur, li hu tal-irħam, hemm il-kwadru titulari ta' San Ġużepp - xogħol Ġużeppi Briffa, li għamel wkoll iż-żewġ kwadri laterali li juru lil San Vinċens Ferrer u lil Santa Katrina; kif ukoll sitt kwadri tondi li juru lil dawn il-qaddisin: Anjeże ta' Monpulcino, Emelda Lambertini, Roża ta' Lima, Margerita ta' Kortona, Franġisk t'Assisi u Antnin ta' Padova. Ta' Briffa wkoll huma żewġ arzelli li juru l-Madonna fil-glorja ma' San Duminku u San Lawrenz. L-arzella l-oħra li turi ż-żwieġ mistiku ta' Santa Katerina ta' Siena hi ta' Rafel Bonnici Calì.



L-altar ewlieni tal-knisja ta' Dar San Ġużepp




Il-pittura titolari ta' San Ġużepp

Fuq il-bieb ta' barra, minn ġewwa hemm gallarija. Fil-knisja nsibu tliet statwi: Madonna tar-Ruzarju, San Ġużepp u San Duminku – xogħol Wistin Camilleri Cauchi. Il-pilastri prinċipali huma miksija bl-irħam kif ukoll il-paviment. Il-knisja ġiet ikkonsagrata fl-14 t'April 1961 mill-Arċisqof

Mikiel Gonzi.

Il-faċċata tal-knisja hi ukoll eleganti b'portiku quddiem il-bieb ta' barra.

Patri Feliċjan Grech miet fid-19 t'Ottubru 1952 u ndifen fl-istitut. Fid-19 ta' Mejju 1951, quddiem il-knisja ġie nawgurat monument tiegħu – xogħol Ċensu Apap.

Kuljum ikun hemm il-quddies, u jsiru l-funzjonijiet liturġiċi kollha ta' matul is-sena.

*Kitba: Louis Fenech*
*Informazzjni miġbura minn diversi sorsi*
*Ritratti: N Gingell*



San Frangisk ta' Giuseppi Briffa



San Antnin ta Padova ta' Giuseppi Briffa

# Knisja San Ġakbu
# Ix-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar


Il-faċċata tal-knsja ta' San Ġakbu+

Sal-1615 meta Ħaż Żabbar sar parroċċa, il-patrun prinċipali ta' dan ir-raħal kien San Ġakbu ż-Żgħir Appostlu, li lilu kienet ddedikata l-knisja viċi-parrokkjali. Din kienet f'nofs il-misraħ li sal-lum għadu msejjaħ għal dan l-Appostlu. Din il-knisja ġiet imwaqqa fl-1860 billi kienet fi stat ħażin ħafna. Maż-żmien tywaqqfet statwa tal-ġebel t' dan il-qaddis. Illum din ukoll għosfrot iżda għallanqas baqa l-isem ta' Misraħ San Ġakbu.

Fl-ewwel nofs tas-seklu 20 l-inħawi magħrufa bħala tax-Xgħajra bdew jikbru sew u għalhekk ġie deżiż li tinbena knisja ġdida, liema knisja kienu ddeċidew li tissemma u ddedikata lil San Ġakbu.

Is-servizzi liturġiċi fix-Xgħajra qabel ma nbiet dik li naraw illum kienu jsiru f'kappella żgħira li kienet u għadha tidher ma' xatt il-baħar. Iżda


Il-kappella l-antika



San Ġakbu Appostlu (1962)
*Raphael Bonnici Cali ( 1907 - 2002 )*
*Kappella San Ġakbu (Xaghjra) - Ħaż-Żabbar*

Il-kwadru titulari ta' San Ġakbu

billi l-popolazzjoni bdiet tikber aktar inħass il-bżonn ta' post akbar .

Kien bl-inizjattiva ta' Dun Ġużepp Lanzon, mill-Birgu, li nħoloq il-proġett ta' knisja u sar kumitat biex jitwettaq dan l-iskop. Il-familja Farrugia Guij offriet biċċa art u wara ftit żmien tqiegħdet l-ewwel ġebla li tbierket mill-Arċisqof Dom Mawru Caruana fit 23 ta' Lulju, 1933. Il-pjanta saret mill-perit Giuseppe Lia fi żmien il-Kappillan Alwiġi Catania.



L-altar ewlieni tal-knisja ta' San Ġakbu

Fil-Gwerra ix-xogħol waqaf u l- knisja, bla saqaf, intużat mill-militar bħala 'store'. Lejn l-aħħar tal-erbgħinijiet l-Arċisqof Mikiel Gonzi ħeġġeġ lill-kleru u n-nies biex itemmu x-xogħol u fl-aħħar tal-1949 il-kappella tlestiet u tbierket. Fi żmien Dun Ġwann Tabone fl-1951, tlesta s-saqaf u sar l-artal maġġur . L-ewwel quddiesa fiha saret fis-6 ta' Jannar 1951. Fl-1955 saret l-istatwa ta' San Ġakbu minn Wistin Camilleri li ħallas għaliha Salvu Xerri. Wistin ħadem ukoll l-istatwa tal-Kurċifiss u l-istatwa tad- Duluri li tkompliet minn ibnu Mikiel. Fl-1962 ġie mqabbad Rafel Bonnici Cali biex jagħmel il - kwadru ta' San Ġakbu



Statwa ta' San Ġakbu

Sfortunatament dan il-bini ma għandu ebda valur artistiku. Huwa mibni fuq pjanta rettangulari, jixbaħ sala kbira u b'saqaf ċatt fuq travi. Wara l-altar hemm Kurċifiss kbir u fil-ġenb il-kwadru titulari, ukoll mingħajr ebda livell artistiku għoli.

*Kitba ta' Anthony M Brincat ( Ex-President u wieħed nill-fundaturi tal-Ghaqda)*
*u Michael Buhagiar*
*Ritratti: A M Brincat, N Gingell, Owen Caruana u minn fuq l-internet*

# San Niklaw taż-Żonqor, Ħaż-Żabbar



Il-kappella ta' San Niklaw

Id-devozzjoni lejn San Nikola f'Malta hi antika ħafna. Għalkemm il-kappella ddedikata lil dan il-qaddis tinsab fl-inħawi taż-Żonqor f'Wied il-Għajn din tagħmel mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar. Din il-kappella tissemma f'kuntratti li saru fis-16-il seklu. Fil-viżta li kien għamel Mons. Pietru Dusina nsibu li din il-kappella kienet mingħajr bieb, bla rettur u nieqsa mit-tiżjin. Peress li din il-kappella kienet mibnija fuq art ta' ċertu Salvu Burlò, Dusina ordna lil Burlò sabiex fi żmien xahar jagħmlilha bieb.

Fl-1759 inbniet il-kappella li naraw illum minflok dik li kien hemm. Bniha Giovanni Battista Azzopardi Barbara, li dak iż-żmien kien sar sid l-art fejn hemm il-kappella u li ried jaqta' xewqet missieru Gian Franġisk. L-ewwel ġebla tbierket minn Mons. Giovanni Maria Azzopardi Castelletti fis-6 ta' Lulju 1759. Dan l-avveniment jinsab imfakkar b'kitba bil-Latin f'lapida li tinsab ġewwa l-knisja. Il-knisja tbierket fl-1762.

It-tqassim ta' din il-kappella jikkonsisti f'binja kwadra, b'koppla baxxa bil-lanterna. Taħt il-koppla, minn ġewwa, insibu l-arma tal-familja Azzoppardi Barbara Castelletti. Fil-prospettiva nsibu skroll bil-kitba fuqu li tfisser: *Jien Nikola*



Il-kappella fl-ambjent naturali tal-madwar

*protettur tagħkom.* Il-kwadru, li hu kopja tal-oriġinal hu attribwit għall-iskola ta' Mattia Preti, juri lil San Nikola Isqof bil-baklu ħdejh u tliet boroż tal-flus assoċjati miegħu.




Il-kwadru titulari ta' San Nikola ta' Bari

Meta l-Isqof Michele Balaguer kien ipprofana l-knisja fl-1659 kien ordna li l-istatwa tal-qaddis, li hi maħduma fl-injam, titneħħa u tittieħed fil-knisja parrokkjali. Illum din l-istatwa tinsab fil-Mużew tas-Santwarju u minflokha fil-kappella hemm statwa li saret reċentement. L-art hi magħmula miċ-ċangaturi li jieħdu forma tonda.

Fuq il-bieb hemm pediment trijangolari, u fil-ġnub naraw żewġ twieqi baxxi fejn meta tkun magħluqa l-kappella xorta wieħed seta' jagħmel talb lill-qaddis. Fuq l-iskroll hemm ukoll tieqa mdaqqsa li tagħti dawl naturali lil knisja u 'l fuq insibu l-arma tal-Isqof Bartolomeo Rull li fi żmienu nbniet il-kappella. Fuq il-ġenb insibu ħnejja żgħira li sservi għall-qanpiena. Żewġ fjammi tal-ġebel ikomplu jiddekoraw il-kappella minn barra.



L-altar ewlieni tal-kappella ta' San Niklaw

Il-kappella ta' San Nikola kienet intlaqtet fi żmien il-gwerra u kienet ġiet irranġata wara. Reċentement ukoll infetħu t-twieqi tal-koppla u t-tieqa l-kbira tal-faċċata li kienu ġew imblukkati bil-ġebel biex jiġi evitat vandaliżmu u serq.

*Kitba: Louis Fenech*
*Informazzjni miġbura minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell, u Internet*

# Tagħrif dwar l-istorja tal-Oratorju tal-Isla


Id-daħla għall-oratorju tal-Gandlora

**1612:** twaqqfet il-kongregazzjoni tal-Onorati fil-knisja ta' San Ġiljan ġewwa Senglea. Kienu l-aħjar nies li jgħixu fil-belt, jiltaqgħu għat-talb u għax-xogħol ta' karità tliet darbiet fil-ġimgħa.

**1622**: peress li kibru fin-numru mxew mill-knisja ta' San Ġiljan għall-knisja ta' Santu Rokku li kienet maġenb il-knisja parrokkjali ta' Santa Marija tal-Vittorja u li kellha magħha ċimiterju. Dik is-sena stess laħqu n-numru ta' 110 membru u għalhekk talbu permess li jwaqqgħu l-knisja ta' Santu Rokku u jibnu oratorju ikbar li kellu jieħu l-ispazju tal-knisja u taċ-ċimiterju.

**1636**: l-oratorju kien lest u ġie ddedikat lill-purifikazzjoni ta' Marija u għalhekk beda jissejjaħ l-Oratorju tal-Gandlora. L-ewwel altar li kellu l-Oratorju ġie mogħti mill-knisja ta' San Ġiljan.

**1653**: sa din is-sena kienet nibtet rabta bejn l-Onorati u l-ġiżwiti għax id-direttur spiritwali tagħhom li kien ikellimhom kull nhar ta' Ħadd kien ikun dejjem reliġjuż ġiżwita. L-Oratorju kellu altar wieħed biss li kellu erba' tarġiet; kellu pittura titulari li turi l-purifikazzjoni tal-Madonna u fuq ġenb minn tal-altar kien hemm statwa tal-irħam tal-Madonna. Kien hemm imnaqqxin fil-ħitan xbihat ta' San Injazju ta' Loyola u San Franġisku Saverju. Fih kienu jiġu ċelebrati s-seba' festi ewlenin tal-Madonna.

**1720**: inqata' l-kuntatt mal-Ġiżwiti u d-diretturi spiritwali bdew ikunu saċerdoti tal-parroċċa.

**1729**: beda jinbena mill-ġdid l-Oratorju minn Claudio Duranti (li ħa ħsieb il-bini tal-Oratorju tal-Kurċifiss fl-istess żmien) u Francesco Zerafa. Il-kwadru titulari l-ġdid tpitter minn Francesco Zahra.

**1756**: il-fratelli tal-Immakulata rregalaw l-altar tal-kappella tas-Sagrament li kien hemm fil-knisja parrokkjali lill-Onorati u tpoġġa fl-Oratorju tal-Gandlora.

**1763**: il-kongregazzjoni tal-Onorati ġiet aggregata ma' Kongragezzjoni ewlenija f'Ruma.

**1886: twaqqaf** l-Istitut tal-Edukazzjoni Kattolika fl-Oratorju tal-Gandlora.

**1894**: twaqqfet il-Kongregazzjoni tal-Figlie di Maria fl-Oratorju tal-Gandlora.

**1896:** l-Onorati bdew jilbsu midalja biex jingħarfu fil-funzjonijiet tal-parroċċa.

**1897**: l-Onorati ppubblikaw ktejjeb fuq is-seba' viżti tal-Ġimgħa l-Kbira. Fl-Oratorju kien jintrama' s-sepulkru ħalli jkun wieħed mill-knejjes li n-nies jistgħu jinviżtaw.

**1916**: bdiet issir il-purċissjoni bil-Bambin. Il-priedka tat-tifel kienet issir fl-Oratorju tal-Gandlora.

**1927**: kienet ġa ssir il-festa tal-Qalb ta' Ġesù fl-Oratorju tal-Gandlora.

**1932**: is-serv ta' Alla Mons. Emmanuel Galea kien imexxi l-gari katekistiċi fl-Oratorju tal-Gandlora.

**1940**: fit-12 ta' Ġunju għalaq l-Oratorju tal-Gandlora minħabba l-bumbardamenti.

**1942**: fis-7 ta' April iġġarraf l-Oratorju għax intlaqat minn bomba. Intilef it-titular ta' Zahra.

**1950**: madwar din is-sena reġa' nbena l-Oratorju.

**1973**: spiċċaw l-Onorati u l-Istitut tal-Edukazzjoni Kattolika u l-Oratorju tal-Gandlora beda jintuża bħala maħżen.

**2005**: l-Oratorju beda jintuża għat-tombli u l-coffee mornings.

*Kitba: Kan. Dr Jonathan Farrugia*
*Ritratti: N Gingell*